MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru 1262/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri**
**Spettur James Grech)**

**Vs.**

**Kadija Osman Mahmud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Kadija Osman Mahmud, ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena, bint Osman Mahmud u Zahra Saleh, imwielda f’Ensebah l-Eritreja fl-20 ta’ Gunju 1989, u residenti fil-Kunvent tal-Bon Pastur, Hal Balzan, detentrici ta’ dokument ta’ l-immigrazzjoni tal-Pulizija Numru 08BBB-009, talli fil-Belt Valletta nhar l-24 ta’ Novembru 2010 filghodu abbandunat lit-tarbija taghha;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Rat l-Artikolu 246 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba ghar-revoka *contrario imperio* tal-Court Order *in vigore* fir-rigward tat-tarbija ta' l-imputata.

Ikkunsidrat:

Illi bl-ammissjoni taghha ghall-akkuza migjuba kontriha, din il-Qorti necessarjament ikollha issib lill-imputata hatja tar-reat addebitat lilha u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Madanakollu ghall-finijiet tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata, il-fatt li l-istess imputata ghandha fedina penali netta u li l-agir ta' l-imputata kien kawzat minn diffikultajiet li ghaddejjha minnhom bhal' issa biex tottjeni akkomodazzjoni flimkien ma' zewgha, missier it-tarbija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat Artikolu 246 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' l-imputata ssibha hatija ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idoenja, partikolarment sabiex it-tarbija tkun ma' ommha, u billi jissussistu l-elementi ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputata taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' sena (1) mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputata bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ dak l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* tista’ tinghata sentenza ghar-reat li tieghu instabet hatja b’din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputata.

Il-Qorti in oltre tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* jigu trasmessi lill-Agenzija Appogg.

Fir-rigward tat-talba ghar-revoka *contrario imperio* tal-Court Order *in vigore* fir-rigward tat-tarbija ta’ l-imputata, il-Qorti tilqa’ t-talba u tirrevoka *contrario imperio* tali *Court Order* u tawtorizza r-rilaxx tat-tarbija favur ommha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------